MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 2919/1996/1

**Neil Cassar u Francis u Patricia konjugi Cassar**

**v.**

**L-Onor. Ministru ta' l-Intern, il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani, u d-Direttur ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar l-eccezzjoni ta' dezerzjoni tal-kawza sollevata mill-atturi appellati fir-risposta taghhom ghall-appell interpost mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni u mill-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Jirrizulta bhala fatt li r-rikors ta’ appell gie pprezentat fis-6 ta’ April 2004, izda dan – kif jirrizulta kemm mir-riferti kif ukoll mid-deposizzjoni ta’ Patricia Cassar moghtija fl-udjenza tal-lum – gie notifkat lill-appellati biss fis-7 ta’ April 2005, u cioe` aktar minn sena wara d-data tal-prezentata. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, skattat inezorabbilment id-disposizzjoni kontenuta fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) ta’ l-Artikolu 963 tal-Kap. 12. U f’dawn ic-cirkostanzi wkoll ma hux il-kaz li din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar il-punt minnha stess sollevat fir-rigward tal-fatt li l-partijiet liberati mill-osservanza tal-gudizzju fis-sentenza appellata ma gewx notifikati bir-rikors ta’ l-appell.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddikjara l-kawza dezerta fit-terminu ta’ l-imsemmi Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12 u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------